# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002

Citazzjoni Numru: **1720/93TM**

Numru**:**

**Simon Chetcuti**

vs

**Alec Mizzi, Alan Mizzi, Christopher Grech, Julian Sammut, u Victor Brockdorff ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Alf. Mizzi and Sons (Marketing) Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Dicembru, 1993 li biha l-attur ippremetta illi hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u

f’Jannar ta’ l-1991 wegga’ waqt li kien jahdem ma’ l-istess socjeta’ konvenuta u garrab dizabilita’ permanenti f’dahru;

Ippremetta li l-korriment tieghu sehh minhabba traskuragni, negligenza, nuqqas ta’ supervizjoni u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti;

Ippremetta li hu garrab dizabilita’ tant serja li kellu jigi operat f’dahru u baqa’ diffettuz ghal ghomru;

Ippremetta li wara li wegga’ fuq il-post tax-xoghol is-socjeta’ konvenuta kecciet mill-impjieg lill-istess attur;

Ippremetta li t-Tribunal Industrijali ordna *re-instatement* ta’ l-attur bil-kundizzjoni li x-xoghol li jinghata jkun kompattibbli ma’ l-istat tas-sahha ta’ l-attur;

Ippremetta li d-dizabilita’ li soffra l-attur se taffetwah b’mod serju ghall-kumplament ta’ hajtu;

Ippremetta li hu interpella lis-socjeta' konvenut sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-attur izda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab biex ighidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti fil-kwalita' rapprezentattiva taghhom huma responsabbli ghall-korriment ta' l-attur u ghad-danni li sofra;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur d-danni hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet u l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 1993 u bil-konvenuti ingunti ghas-subbizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet;

Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi bin-negligenza u t-traskuragni tieghu stess illi l-attur garrab il-korriment lamentat;

Illi l-attur bl-agir tieghu aggrava is-sitwazzjoni ta' sahhtu;

Illi l-konvenuti *nomine* ma ghamlu xejn biex ipperikolaw sahhet l-attur u ma kissru ebda regolamenti u prassi li permezz ta' l-istess jistghu jitqiesu li huma kolpevoli;

Illi *in ogni caso* l-korriment u d-dizabilta' permanenti iridu jigu pruvati kemm fihom infushom u anke' ghal dik li jirrigwardja il-konsegwenzjalita' taghhom ghal xi agir jew nuqqas tal-konveunti *nomine* li wkoll irid jigu ppruvat.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Mejju, 1998, li in forza tieghu gie mahtur Mr Charles Grixti sabiex jistabilixxi l-grad ta' dizabilita' pretiza mill-attur;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 1998, li in forza tieghu Mr Charles Grixti gie sostitwit b'Mr Carmel Apap Bologna;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit mediku, Mr Carmel Apap Bologna minnu mahluf fil-11 ta' Jannar, 1999;

Rat in-Nota tat-13 ta' Jannar, 1999, li in forza taghha l-attur talab il-hatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar, 1999, li in forza taghha l-Qorti laqghet it-talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali u nnominat lit-tobba Dr Frederick Zammit Maempel u Dr Anthony Bernard, bl-assistenza tal-perit legali Dr Edwina Chetcuti;

Rat ir-rapport ippresentat mill-imsemmija periti addizzjonali li gie minnhom mahluf fl-10 ta' Dicembru, 1999, u fit-13 ta' Jannar, 2000;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-osservazzjonijiet li ppresentaw il-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur f'din il-kawza kien jahdem mas-socjeta' Alf. Mizzi and Sons (Marketing) Limited bhala *delivery man,* u *d-duties* tieghu kienu li jsuq il-van tal-kumpanija u jerfa' xi kaxxa zghir li taghhom ikun qed jaghmel konsenja. F'perjodu minnhom, is-socjeta' konvenuta qabditu jghin lill-burdnara taghha fil-gar tal-merkanzija, u beda jgorr xkejjer taz-zokkor ta' 50 kilo il-wahda.

F'Jannar tal-1990, waqt li kien qed jerfa' wahda minn dawn ix-skejjer, hass ugigh f'darhu u hareg bis-*sick leave*. Gie certifikat li kien ibati minn *slip-disk* u, ghalkemm f'Jannar ta' l-1992, ghamel operazzjoni, huwa ghadu jhoss l-ugigh u ma jistax jerfa' oggetti ta' certa toqol. Is-socjeta' konvenuta tallega li l-attur wegga' tort tat-traskuragni tieghu stess.

Dwar ir-responsabbilta' ghall-incident, il-gurisprudenza nostrali titfa' oneru qawwi fuq l-*employer* li jara li l-impjegati tieghu ma jigrilhomx hsara fuq il-lant tax-xoghol. L-*employer* irid mhux biss jipprovdi lill-haddiema b'*safety equipment*, izda irid jassigura li dak l-equipment jintuza. Irid ukoll jipprovdi dak li hu imsejjah "*a safe system of work*", u din is-sistema trid tiehu in konsiderazzjoni "l-atmosfera fil-post tax-xoghol , id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol – "Schembri vs Caruana" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Jannar, 1983.

Ghal dan kollu, hu s-sid li jrid jkopri lill-haddiem. Irid, fi kliem iehor, ikopri lill-haddiem kontra l-aljenazzjoni tieghu stess, u jekk jonqos minn dan l-obbligu, avvolja jista' jkun hemm grad ta' negligenza mill-haddiem stess, is-sid irid, fi grad jew iehor, jirrispondi ghad-danni li jirrizulta.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Calleja vs Fino" deciza fl-10 ta' Ottubru, 1980, il-fatt li, fil-passat, qatt ma inqalghu problemi jew ilmenti, ma jfissirx li s-sistema adoperata kienet *safe*: *"The fact that the system adopted has been in use for years without incident, is not proof that the system is safe; the accident in question justifies this".*

F'dan il-kaz, l-attur kien *delivery man,* iwassal il-merkanzija fil-hwienet u jqassam ix-xoghol. Ma kienx burdnar u ma kienx addett li jwassal fil-fabbrika xkejjer u merkanzija ohra li d-ditta konvenuta kienet timporta ghall-eventwali tqassim fis-suq lokali. Gara, pero', li fi zmien il-gwerra tal-Golf, kien hawn domanda straordinarja ghaz-zokkor u d-ditta konvenuta, biex tlahhaq mad-domanda, kellha timporta kwantitajiet kbar ta' zokkor u

tara li dan jitqassam fis-suq fi zmien qasir. Il-kumpanija ma kellhiex nies bizzejjed biex tlahhaq ma' dan ix-xoghol u allura inkarigat lill-attur jghin fil-gar bl-ixkejjer. L-attur ma kienx burdnar u ma kienx imdorri jaghmel dan ix-xoghol. Ix-xoghol tieghu kien li jdur bil-van u jqassam kaxxex tas-sapun, tat-tonn taz-zejt u hwejjeg simili fil-hwienet; f'daqqa wahda gie mitlub iqandel xkejjer mimlija zokkor fuq darhu. Din kienet sistema gdida ghalih ta' kif iqandel, u anke it-toqol zdied konsiderevolment, ghax kull skora kienet tizen 50 (hamsin) kilogramma. Il-kumpanija lanqas biss ippruvat tghallem lill-attur kif iqandel dak it-toqol fuq darhu; dan m'ghamlitux ghax, forsi, ma kellhiex cans, izda, jekk ma kellhiex cans, ma kellhiex tintriga *delivery man* b'xoghol li mhux biss hu ta' strapazz, izda jinvolvi ukoll certa teknika biex, appuntu, jigi evitat hsara. Li terfa kaxxa quddiemek fuq idek mhux l-istess bhal li terfa xkora fuq darek. Mix-xhieda ta' Spiro Magri, jidher li l-ixkejjer taz-zokkor kienu jitressqu fit-tarf tat-*truck*, u l-attur kien kollu imur taht l-ixkora, jitbaxxa, isseraha ma' dahru u jissollevha. L-attur ma kellu ebda esperjenza fuq dan ix-xoghol u, fil-fatt, l-ispina, hekk kif hassiet toqol u piz differenti, cediet.

Din il-Qorti ssib li l-kumpanija konvenuta wriet negligenza kbira meta qabdet lill-attur jaghmel dak ix-xoghol. Ghalkemm il-haddiem ghandu juri certa flessibilita' fix-xoghol tieghu dan ma jfissirx li ghandu jitqabbad jaghmel xoghol li mhux adattat ghalih. Meta sid iqabbad haddiem biex jaghmel xoghol li mhux dak normali tieghu, irid jara mhux biss li l-haddiem hu kapaci jaghmel dak ix-xoghol, izda jassigura li dak ix-xoghol ma jinvolvix *pattern* ta' hidma li l-haddiem mhux imdorri ghalih, ghax bidla radikali u f'daqqa fix-xoghol tal-haddiema jista' jkollha konsegwenzi serji. Jekk il-kumpanija riedet tehles mill-konsenji li kellha fi zmien qasir, kellha tingaggja burdnara *extra*, nies li huma "tal-qatta" u li huma imdorrijin jerfghu t-toqol. Li tqabbad *delivery man* u tordnalu jahdem xoghol ta' burdnar ma' jistax, taht ebda cirkustanzi, jitqies agir ta' *bonus pater familjas*.

Ghar-rigward tad-danni, l-attur qed jitlob kumpens tat-telf li sofra u ghad jista jsofri minhabba d-dizabilita' li sofra fl-incident. Ghalkemm l-attur baqa' impjegat, huwa ghandu jigi kkumpensat ghad-dizabilita' permanenti li sofra u li ovvjament, taffettwa l-

hajja lavorattiva tieghu. Il-periti medici mqabbda minn din il-Qorti, ikkwantifikaw d-dizabilita' permanenti li sofra l-attur ghal 8%.

L-attur kellu paga ta' LM205 (mitejn u hames liri Maltin) fix-xahar jew LM2,460 (elfejn, erba' mija u sittin liri Maltin) fis-sena. Mehud kont iz-zidiet regolari li jinghataw minhabba l-gholi tal-hajja, izda mehud kont ukoll ghall-fatt li l-attur ma tantx kellu prospetti li javvanza fil-pozizzjoni tieghu (ghalkemm dan qatt ma jista' eskluz ghal dejjem), din il-Qorti tqis li l-medja tal-paga, ghall-fini ta' l-ezercizzju ta' kumpens, ghandha tkun ta' LM3,200 (tlett t'elef u mitejn liri Maltin) fis-sena.

Dwar il-*multiplier*, jinghad li l-attur kellu wiehed u ghoxrin (21) sena meta gara l-incident u, kwindi, qed jippretendi li tigi adaperata *multiplier* ta' erbghin (40).

Il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati sallum mill-Qrati taghna kienet dik stabbilita fil-kawza "Butler vs Heard" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik

il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-*"chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa' l-eta' tal-pensjoni.

Il-figura adoperata bhala l-*multiplier* kienet tigi mizmuma moderata u bhala regola, il-Qrati ma kinux juzaw *multiplier* ghola minn 20 (ghoxrin). Hekk, per ezempju, fil-kawza "Butler vs Heard" stess il-*multiplier* adoperat kien ta' (hmistax) 15-il sena ghal tappezzar ta' (tnejn u ghoxrin) 22 sena u fil-kawza "Dalmas vs Ghigo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Frar, 1980, gie adoperat *multiplier* ta' 20 (ghoxrin) ghal persuna ta' 33 (tlieta u tletin) sena. Fil-kawza "Gauci vs Xuereb" deciza minn din l-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1970, gie adoperat *multiplier* ta' 15 (hmistax) ghal persuna li kellha 24 (erba' u ghoxrin) sena fid-data ta' l-incident, u fil-kawza "Camilleri vs Polidano" deciza wkoll minn din l-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982, gie uzat *multiplier*

ta' 18 (tmintax) ghal wiehed li kellu 28 (tmienja u ghoxrin) sena. Il-preokkupazzjoni tal-Qrati kienet riflessa b'mod car mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza <u>"Lambert vs Buttigieg"</u> deciza fit-18 ta' April, 1963, fejn gie osservat li

> *"f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggat."*

Din il-kawtela baqghet tirrenja fuq il-Qrati taghna ghal zmien twil sakemm, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, b'sentenza moghtija fit-12 ta' Jannar, 1987, fil-kawza <u>"Bugeja vs Agius"</u>, hasset li ghandha d-diskrezzjoni assoluta ta' kif tasal ghall-fissazzjoni ta' l-ammont tad-danni u ghalhekk hasset li ma hemmx bzonn li tigi ggwidata mill-kriterji stabbiliti mill-gurisprudenza taghna. Din is-sistema holqot agha kbir fost l-avukatura u dawk li jahdmu fl-*insurance,* ghax f'daqqa wahda l-ammont li jigi likwidat bhala kumpens ghal-"*lucrum cessans*",

beda jigi koncepit f'figuri straordinarji li hadd qabel ma kien jimmaginhom.

Dik il-kawza marret l-Appell, u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha moghtija fis-26 ta' Lulju, 1991, taffiet ftit mill-preokkupazzjoni li l-kumpaniji assikuratrici kellhom in vista tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc. Il-Qorti ta' l-Appell osservat li in tema ta' likwidazzjoni ta' *"lucrum cessans"* hemm certi kontingenzi li wiehed jiltaqa' maghhom fil-hajja, u li fuqhom wiehed jista' biss jispekula, li jirrendu dan l-ezercizzju wiehed difficli u aleatroju. Wara li qieset l-izvilupp li sehh f'dawn l-ahhar zminijiet fil-medicina, fl-ekonomija, u fis-socjeta' in generali, il-Qorti ta' l-Appell sostniet li s-sistema tal-komputazzjoni li kien jintuza qabel mill-Qrati taghna ghandu jibqa jigi segwit "**bhala bazi**", b'dan, pero', li fl-applikazzjoni ta' dan il-metodu bhala bazi, il-Qorti, minn zmien ghal zmien, ghandha tkun lesta skond ic-cirkostanzi tallarga l-applikazzjoni ta' din is-sistema b'mod li jressaqha aktar biex taghmel gustizzja ahjar specjalment f'sistema bhal taghna li salum ghad ma jikkontemplax la danni morali kif anqas danni

ghal "*pain and suffering*". Il-Qorti ta' l-Appell, pero', insistiet li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-

aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha. Kompliet tghid:

> "*Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 (sittin) sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont ta' l-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta' "years purchase" li hu l-'multplier' u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma".*

L-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza taghha, ghal persuna ta' 34 sena kienet *adoperat multiplier* ta' 26 (sitta u ghoxrin), izda' l-Qorti ta' l-Appell dehriilha li kif iddecidiet l-

ewwel Qorti qisu dawk il-kontingenzi li semmiet ma jezistux u, ghalhekk, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell dehrilha li l-kaz kien jiggustifika l-*multiplier* ta' 20 (ghoxrin) sena.

Minn dak iz-zmien inghataw diversi sentenzi ohra, anke mill-istess Qorti ta' l-Appell, u dan l-aspett ta' moderazzjoni jidher li baqa' jigi segwit. Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti thoss li ma ghandhiex taddotta *multiplier* ta' 40 (erbghin), izda jkun aktar gust u ekwu li taddotta *multiplier* ta' 33 (tlieta u tletin) sena.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-attur, li tenut kont tal-fatt li dan l-incident sehh fil-1991 m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' 20% minhabba *lump sum payment*. Meta kawza iddum ma tigi deciza, il-Qrati taghna hassew li dan il-percentagg ghandu jonqos jew addirittura ma ssir ebda tnaqqis. In principju, din il-Qorti thoss li dan il-percentagg ghandu jonqos bi 2 fil-mija (2%) ghal kull sena li kwistjoni ddum ma tigi determinata, b'mod li wara ghaxar snin, dan it-tnaqqis ma jsehhx. Ovvjament, kull kaz

ikollu l-*fattispece* tieghu u jistghu jezistu cirkostanzi (bhal dewmien fil-kawza tort ta' l-istess attur) li jirrelataw kontra din is-sistema.

F'dan il-kaz, il-kawza ga ilha pendenti disa' snin, u l-incident sehh hdax-il sena ilu; kwindi, din il-Qorti thoss li ma ghandux ikun hemm tnaqqis ghal *lump sum payment*.

L-ammont ta' kumpens li hu intitolat ghalh l-attur, inhadem, allura, fuq kalkolu ta' LM3,200 (tlett t'elef u mitejn liri Maltin) x 33 (tlieta u tletin) x 8% (tmienja fil-mija), li jwasslu ghal figura ta' LM8,448 (tmien t'elef, erba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-korriment ta' l-attur u ghad-danni li sofra u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur, *in linea* tad-danni, is-somma

ta' LM8,448 (tmien t'elef, erba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**